Bonham-Carter, G.C.B., C.M.G., D.S.O., president tal-"Malta League", li kien 'mistieden tal-ġieh'. Edward Ellul qara poeżija tiegħu bl-Ingliż, poeżija maħduma tajjeb, satirika għall-aħħar. Mr. Richard Church, poeta magħruf Ingliż, kien għal dak in-nhar il-President tal-P.E.N. London Centre u hu wkoll tkellem u faħħar il-qlubija u l-fehma sħiħa tal-kittieba ta' Malta. Ġieh tabilħaqq kbir għalina bħala kittieba, u għal Malta kollha. Nazzjon li għadda għal snin sħaħ minn tiġrib tal-biża' u ġarrab b'sabar u b'erojiżmu li ma jitfissrux tbatijiet u sagrifiċċji mill-eħrex ma jisthoqqlux ħlief ir-rand tar-rebħ u tal-ġieh.

Imma dak ir-rebħ u dak il-ġieh jintilef, u dik il-paċi li ser inħasslu ssir ħolma ta' l-imgħoddi, jekk aħna ma nkunux imhejjija biex nilqgħu l-ħtiġijiet taż-żmien li ġej. Fit-tiġdid ta' Malta ta' wara l-gwerra, aħna jkun għad baqagħalna nwettqu s-sehem tagħna — sehem akbar minn qatt qabel — biex insaħħu dik ir-rabta qawwija bejn il-ħajja pubblika u l-letteratura. Il-kittieba f'kull art dejjem kienu minn ta' quddiem nett fid-difiża tal-ħelsien nazzjonali, tad-demokrazija politika u tal-ħaqq soċjali. Il-President Benes taċ-Ċekoslovakkja f'messaġġ li kien bagħat lill-P.E.N. qal illi l-mexxejja u l-bennejja politiċi tan-nazzjon kienu ta' sikwit kittieba u poeti li isimhom huwa importanti fl-istorja pulitika daqs kemm hu fl-istorja tal-letteratura.

Għalhekk jidher ċar illi l-letteratura u l-kultura jkollhom jieħdu sehem mill-akbar fit-tiġdid ta' Malta. Ma nistgħux noqogħdu barra u ma nerfgħux fuq spallejna r-responsabbiltà tax-xogħol u tad-dmir qaddis li għandna nwettqu. Għall-ġid tal-lsien u tal-poplu Malti nkomplu naħdmu, inkomplu, jekk hemm bżonn, nitqabdu bil-kitba tagħna sabiex Malta ta' għada tkun akbar u aħjar u tidher isbaħ milli hi quddiem il-ġnus tad-dinja. Fiż-żmenijiet l-aktar imwiegħra aħna żammejna tperper il-bandiera tal-ħelsien, dik il-bandiera li l-lum hija l-għelm li qed jgħaqqad in-nazzjonijiet ħielsa, il-għelm tar-rebħa li hu s-sies tal-ħajja letterarja. Fiż-żmenijiet tal-paċi ser ikollna dmirijiet oħra quddiemna, u jekk ma nagħarfux inwettqu sa l-aħħar dawk id-dmirijiet, kull ma għamilna, kull ma ħdimna jisfa' fix-xejn. Biex żgur noħorġu rebbieħa, il-motto tagħna għandu dejjem ikun: Għaqda sħiħa u ħidma bla hedu.

---

## XIRKA GĦAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI—NADUR

### KUMITAT GĦAS-SENA 1945.

Il-Wisq Rev. Prof. Patri Pawl Tabone, O.F.M., *President.*

In-Nutar Ġ. Cauchi, LL.D., *Viċi President.*

Is-Sinjurina Ġiġa Portelli, *Segretarja.*

Is-Sur Kelinu Grima, *Kaxxier.*

*Membri*

Is-Sur A. Buttiġieġ; is-Sur Ġ. Muscat; is-Sur Ġ. Said; is-Sur Ġ. Debono; u s-Sur P. Portelli.



# Tfajla Zeffiena

*Ta'* ĠUŻI MICALLEF GRIMAUD

Tfajla sabiħa,
mimlija bil-ħajja
daqs il-warda dagħmija
mehmuża ġo xagħarha sewdien,
b'daħka ferrieħa
fuq fommha lewn qrolla
w ħarsa tilma bħal dija
smewwija f'għajnejha sibbien,
ħarġet!
tiżżeffen bil-lajma...
bil-ħeffa...
bil-lajma...
iddur u tiltewa
w tinqaleb u togħla,
issa fuq sieq lewn il-qamħa, misluta,
issa fuq tnejn, ħfief u sbieħ,
u mad-daqq tal-kitarri u mandoli
tħabbat bis-sħiħ kastanjoli
u t-tkaken b'riġlejha
flimkien.
U ma' dwarha
bil-qiegħda b'riġlejhom imsallba
b'idejhom imdawra mal-qadd ta' xulxin,
jgħannu ż-żgħażagħ
b'mitt leħen m'hux xorta;
dak qawwi — dak artab,
dak jogħla — dak jinżel,
w jixxenglu lejn naħa,
u lejn oħra.
Imbagħad jieqaf id-daqq
u jaqa' s-skiet.
U tibda t-tfajla,
b'leħen ħaj u għasli,
imriegħed daqs daqq t'Arpa,
titlaq l-għanja ta' mħabbitha
u qajla qajla
tnaqqas, sa leħinha
jirqaq u jsir bħal karba
li togħla u tintilef fix-xejn.